MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSEPH MIFSUD

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2015

Numru. 268/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Hamada Hussein**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Hussein Hamada, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25216(A) talli:

Nhar l-14 ta' Gunju 2015 ghall-habta tal-4.00 ta' wara nofsinhar u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kien qieghed ir-Ramla, limiti ta' Nadur Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. Ikkaguna griehi ta' natura hfief fuq l-persuna ta' Rose Mary Vella, hekk kif certifikat minn Dr. Joseph Galea M.D.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. N. Camilleri LL.D.) b'digriet ta' nhar l-14 ta' Mejju 2013 u mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Magistrat Dr. J. Vella Cuschieri LL.D.) b'digriet nhar id-9 ta' Mejju 2015.
3. Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Hussein Hamada u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Rose Mary Vella u terzi persuni sabiex tinzamm il-bon ordni pubblika flimkien mal-piena jew minflokk il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet il-provi kollha.

Semmghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti akkuzat li kkaguna feriti ta' natura hafifa fil-konfront tal-kwerelanta Rose Mary Vella.

Illi l-fattispeci tal-kaz jirrigwardaw incident li sehh fir-Ramla limiti tan-Nadur, Ghawdex fejn Rose Mary Vella ltaqghet mal-ex gharus taghha Hussein Hamada meta hi kienet sejra lejn il-parkegg. Hussein Hamada mar u beda jkaxkara mal-art, dahhalha fil-karrozza tieghu u marru x-Xaghra fejn il-Calypso fejn damu ghal madwar siegha jippruvaw jirrangaw id-differenzi ta' bejniethom. Rose Mary Vella soffriet griehi waqt l-incident.

Illi l-kwerelanta ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u pprezentat certifikat mediku fejn kien iccertifikat li l-griehi li ghandha huma ta' natura hafifa

**Ikkunsidrat**

Illi l-artikolu 373 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *"fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmija fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa flief bi kwerela tal-offiz".*

Illi artikolu 221 (1)(4) jipprovdi li: *"ma jittiehdu ebda procediment hlief bil-kwerela tal-parti offiza"* u artikolu 545(1) jipprovdi hekk *"meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief b'talba tal-parti privata, il-kwerelant jista', f'kull zmien sa ma tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghal kwerela li huwa jkun ga ghamel".*

Stante li r-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni ma giex kommess flimkien ma' reati ohra li jmissu l-ordni pubbliku l-azzjoni kriminali tista' titmexxa hlief bil-kwerela tal-offiz.

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw meta l-pulizija tista' tmexxi ex-officio anke jekk ma jkunx hemm kwerela, Il-**Pulizija versus Pietru Cutajar** tat-12 ta' Settembru, 1986, Il-**Pulizija versus Rose Mary Pengelly** tad-29 ta' April 1998, Il-**Pulizija vs Jeremy Farrugia** tat-23 ta' Mejju 2001 u Il-**Pulizija versus Mark Giacchino** tas-16 ta' Gunju 2014.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti taghmilha bl-aktar mod car li qatt m'hi se tippermetti l-uzu tal-vjolenza biex persuna tiehu ragun f'argument li jista' jkollha u min se jaghmel dan se jiffaccja konsegwenzi serji.

Illi l-pulizija f'dan il-kaz ghamlet sew li hadet il-prekawzjonijiet kollha mill-ewwel meta wasal ghandhom ir-rapport tal-kwerelanta.

Il-Qorti tinnota li kif hareg waqt is-smiegh tax-xiehda l-kwerelanta ma ridietx li jittiehdu passi kontra l-imputat u dan sa ftit sieghat wara li sehh il-kaz u qabel il-persuna tressqet il-qorti.

Illi waqt x-xiehda li ta l-abbli prosekutur l-Ispettur Bernard Charles Spiteri stqarr li *"Rose Marie Vella kienet infurmat lill-pulizija 'l ghada, li hija ma xtaqitx tipprocedi kriminalment kontra Hussein Hamada. Madanakollu missierha Joseph Vella kien talab lill-pulizija sabiex tinhariglu garanzija. Ahna nfurmajnih li dik garanzija ma tinharigx, li tinhareg hija bil-Qorti".*

Il-pulizija kellhom jirrispettaw dak li riedet il-kwerelanta li ma jittiehdux passi kriminali u mhux jagixxu fuq dak li qalilhom missier il-kwerelanta li m'ghandu l-ebda *locus standi* fil-proceduri.

Illi waqt il-kontro ezami[1] l-kwerelanta stqarret li dakinnhar stess lill-pulizija qaltilhom li ma tixtieqx li l-pulizija jmexxu b'dan il-kaz.

Il-kwerelanta quddiem din il-Qorti rrinuzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat bil-konsegwenza li din ggib l-ezawriment tal-procedura.

Rigward l-akkuzi l-ohra, t-tieni (2), tielet (3) u r-raba' (4) dawn kienu necessarjament jiddependu minn sejbien ta' htija fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 373, 221(1)(4) u 545 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante tar-rinunzja tal-

[1] Waqt is-smiegh tat-23 ta' Gunju 2015

kwerelanta, tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward ta’ l-ewwel imputazzjoni u fir-rigward t-tieni (2), tielet (3) u r-raba’ (4) tilliberha lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------